REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/199

tat-13 ta' Frar 2020

li jagħmel l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mill-Eġittu soġġetti għar-reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) (ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 24(5a) tiegħu,

Wara li informat lill-Istati Membri,

Billi:

(1) Fis-7 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħabbret, permezz ta' notifika ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("in-notifika ta' bidu"), il-bidu ta' proċediment antisussidji fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mill-Eġittu.

(2) Dan ġie wara lment imressaq fl-24 ta' April 2019 mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Produtturi tal-Fibra tal-Ħġieġ, "APFE" ("l-ilmentatur") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu.

(3) Din l-investigazzjoni antisussidji ssegwi l-bidu ta' investigazzjoni separata mill-Kummissjoni biex teżamina l-eżistenza ta' dumping dannuż fir-rigward tal-istess prodott iżda li joriġina fl-Eġittu u fil-Bahrain, li bdiet fit-3 ta' Mejju 2019 ([3]).

(4) L-investigazzjoni tas-sussidjar u tad-dannu kopriet il-perjodu ta' bejn l-1 ta' April 2018 u l-31 ta' Marzu 2019 ("il-perjodu ta' investigazzjoni"). L-eżami tat-tendenzi rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu jkopri l-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2016 u t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

1. **Prodott soġġett għar-reġistrazzjoni**

(5) Il-prodott soġġett għar-reġistrazzjoni ("il-prodott ikkonċernat") huwa ħjut tal-fibra tal-ħġieġ imqatta', ta' tul ta' mhux aktar minn 50 mm ("ħjut imqattgħin"); faxex tal-fibra tal-ħġieġ, għajr dawk li huma mimlijin u miksijin u li għandhom telf malli jitqabbdu ta' iktar minn 3 % (kif stipulat mill-Istandard ISO 1887) ("faxex tal-fibra"); u twapet magħmula minn filamenti tal-fibra tal-ħġieġ minbarra twapet tas-suf tal-ħġieġ ("twapet") li joriġinaw fl-Eġittu, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7019 11 00, ex 7019 12 00, 7019 31 00 (kodiċijiet TARIC 7019 12 00 22, 7019 12 00 25, 7019 12 00 26 u 7019 12 00 39). Il-prodott ikkonċernat huwa magħruf bħala "rinforzi tal-fibri tal-ħġieġ" jew "GFR".

2. **Raġunijiet għar-Reġistrazzjoni**

(6) Skont l-Artikolu 24(5a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għandha tagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet doganali biex jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet matul il-perjodu ta' żvelar minn qabel skont l-Artikolu 29a, sabiex il-miżuri jkunu jistgħu jiġu sussegwentement applikati fuq dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' tali reġistrazzjoni, sakemm ma jkollhiex evidenza biżżejjed li r-rekwiżiti skont l-Artikolu 16(4)(c) jew l-Artikolu 16(4)(d) ma jkunux issodisfati.

(7) Għalhekk il-Kummissjoni analizzat ir-rekwiżiti tal-Artikolu 16(4)(c) u (d) tar-Regolament bażiku dwar jekk l-importazzjonijiet għandhomx jiġu rreġistrati matul il-perjodu ta' żvelar minn qabel.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.
([2]) ĠU C 192, 7.6.2019, p. 30.
([3]) Notifika ta' bidu ta' proċediment anti-dumping li jirrigwarda l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mill-Bahrain u mill-Eġittu (ĠU C 151, 3.5.2019, p. 4).

(8) Dawn l-Artikoli jeħtieġu li l-Kummissjoni teżamina:

— jekk hemmx ċirkostanzi kritiċi fejn, għall-prodott sussidjat inkwistjoni, id-dannu li huwa diffiċli li jissewwa huwiex maħluq minn importazzjonijiet kbar f'perjodu relattivament qasir ta' prodott li jibbenefika minn sussidji kumpensabbli; kif ukoll

— jekk ikunx meqjus meħtieġ li jiġu vvalutati dazji kumpensatorji b'mod retroattiv fuq dawk l-importazzjonijiet sabiex tiġi evitata r-rikorrenza ta' dannu bħal dan.

2.1. *Il-prodott li qed jibbenefika minn sussidji kumpensabbli*

(9) Fir-rigward tas-sussidjar, il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza f'dan l-istadju li l-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-Eġittu qed jiġi ssussidjat, u li l-produttur esportatur Jushi fl-Eġittu bbenefika minn dawn is-sussidji matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(10) Il-prattiki ta' sussidju allegati fl-ilment jinkludu:

— Trasferiment dirett ta' fondi;

— dħul tal-Gvern rinunzjat jew mhux miġbur; kif ukoll

— forniment mill-Gvern ta' prodotti jew servizzi għal remunerazzjoni inqas minn adegwata.

(11) Kif stipulat fin-Notifika ta' Bidu, l-ilmentatur allega li dawk il-miżuri huma sussidji billi jinvolvu kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Eġittu (inklużi korpi pubbliċi) u jikkonferixxu benefiċċju lill-produttur esportatur tal-prodott ikkonċernat. Dawn huma allegatament limitati għal ċerti impriżi jew industriji jew grupp ta' impriżi u/jew kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u għaldaqstant huma speċifiċi u kumpensabbli.

(12) L-evidenza tas-sussidjar tqiegħdet għad-dispożizzjoni fil-verżjoni miftuħa tal-ilment u kompliet tiġi analizzata fil-memorandum dwar is-suffiċjenza tal-evidenza.


(13) Għalhekk f'dan l-istadju l-Kummissjoni għandha biżżejjed evidenza li l-importazzjonijiet ta' GFR mill-Eġittu qed jibbenefikaw minn sussidji kumpensabbli.

2.2. *Importazzjonijiet kbar ħafna ta' GFR mill-Eġittu f'perjodu relattivament qasir*

(14) L-estrazzjoni mill-bażi ta' *data* Surveillance 2, flimkien mad-*data* tal-2015 mill-ilment, turi importazzjonijiet kbar ħafna ta' GFR Eġizzjan mill-2015 sal-2018. L-importazzjonijiet żdiedu fil-volum f'dan il-perjodu b'200 % u s-sehem tas-suq tagħhom żdied minn 4,6 % fl-2015 għal 12,8 % fl-2018.

(15) Wara kunsidrazzjoni ta' *data* aktar reċenti, il-grafika ta' hawn taħt turi l-kwantità ta' GFR importata mill-Eġittu kull trimestru bejn Jannar 2016 u Settembru 2019. Dan ikopri l-perjodu kkunsidrat (minn Q1 2016 sa Q1 2019) u żewġ trimestri wara l-perjodu ta' investigazzjoni ("PI") (Q2 u Q3 2019).

(16) Għall-perjodu kkunsidrat hemm żieda sinifikanti ta' 130 %, minn ftit aktar minn 14 000 tunnellata f'Q1 2016 għal 32 000 tunnellata fis-sena Q1 2019, peress li hija żieda fis-sehem mis-suq minn 5 % għal 14 %:



(17) Peress li l-investigazzjoni anti-dumping separata msemmija fil-premessa (3) hija dwar l-importazzjoni tal-istess prodott minn, fost l-oħrajn, l-Eġittu, tali ftuħ jista' jkun diġà affettwa l-flussi tal-kummerċ għall-valutazzjoni inkwistjoni. Għalhekk, id-data tal-bidu ta' dak il-każ, jiġifieri t-3 ta' Mejju 2019, se titqies bħala l-bidu tal-perjodu ta' wara l-inizjazzjoni biex tiġi vvalutata l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet ukoll f'din l-investigazzjoni.

(18) Analiżi tal-importazzjonijiet mill-Eġittu matul il-perjodu ta' wara l-inizjazzjoni ma tissuġġerix li l-importazzjonijiet kbar ħafna waqfu, iżda pjuttost jibqgħu fl-istess livell jew f'livell ogħla:

Kwantitajiet ta' importazzjoni mill-Eġittu (tunnellati)

	Medja ta' kull xahar (PI)	Total wara l-inizjazzjoni (*)	L-istess perjodu fit-total tal-PI (**)	Medja ta' kull xahar (wara l-bidu)	Differenza L-istess perjodu tal-PI - wara l-inizjazzjoni (total)	Differenza Total tal-PI– wara l-bidu (medja ta' kull xahar)
L-Eġittu	12 014	91 319	92 286	13 045	-1 %	+ 9 %

(*Sors:* Bażi ta' data Surveillance 2

(*) Minn Mejju sa Novembru 2019
(**) Minn Mejju sa Novembru 2018

(19) Tabilħaqq, wara kunsiderazzjoni tal-perjodu ta' investigazzjoni u warajh, il-volum medju tal-importazzjonijiet ta' kull xahar bejn Mejju u Novembru 2019 huwa 9 % akbar minn dak matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(20) Il-kwantità totali ta' GFR li toriġina mill-Eġittu importata fl-Unjoni bejn Mejju u Novembru 2019 hija kważi fl-istess livell mill-kwantità totali importata matul l-istess perjodu fl-2018.

(21) Fuq il-bażi tal-analiżi ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li saru importazzjonijiet kbar ħafna mill-Eġittu. Dawn il-kwantitajiet, flimkien maż-żieda fis-sehem mis-suq matul il-perjodu kkunsidrat, jammontaw għal importazzjonijiet kbar ħafna f'perjodu relattivament qasir skont it-tifsira tal-Artikolu 16(4) tar-Regolament bażiku.

(22) Iż-żieda fl-importazzjonijiet fil-fatt ħabtet mal-bidu tal-investigazzjoni anti-dumping fuq l-istess prodott ikkonċernat, wara xejra ta' importazzjoni li qed tonqos u aktar stabbli fiż-żewġ trimestri preċedenti. Dan jista' jkun minħabba l-possibbiltà li l-prodott ikkonċernat kien soġġett għall-miżuri ta' difiża kummerċjali.

2.3. *Ċirkostanzi kritiċi u ħsara diffiċli li tissewwa*

(23) L-ilment fih biżżejjed evidenza li l-industrija tal-Unjoni qed tbati minn dannu materjali kkawżat mill-importazzjonijiet mill-Eġittu li huwa diffiċli li jissewwa, u li dawn jikkostitwixxu ċirkostanzi kritiċi.

(24) L-importazzjonijiet minn Jushi Egypt għall-UE żdiedu b'mod sostanzjali mill-2015, meta l-Kummissjoni qieset li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx ħsara ([4]).

(25) Il-Kummissjoni għandha biżżejjed evidenza li s-sussidjar tal-produtturi esportaturi qed jikkawża dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni, li huwa diffiċli li jissewwa. Din l-evidenza tikkonsisti f'*data* dettaljata, li tinsab fl-ilment li jikkonċerna l-fatturi ewlenin tad-dannu ppreżentati fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament bażiku.

(26) Evidenza ta' tali ċirkostanzi tinkludi d-deterjorament rapidu tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kkaratterizzata minn tnaqqis fil-profitt minn quċċata ta' 13 % fl-2016 għal 4,6 % fl-2018 kif ukoll telf ta' sehem mis-suq ta' 11-il punt perċentwali matul l-istess perjodu (2016-2018).

(27) Dan id-deterjorament ħabat maż-żieda fil-volum ta' importazzjonijiet mill-Eġittu murija fil-grafika ta' hawn fuq u tnaqqis fil-prezz medju tal-importazzjoni tagħhom kif deskritt hawn taħt.

(28) Il-Kummissjoni sabet li l-prezz unitarju medju tal-GFR mill-Eġittu niżel minn EUR 1 007/tunnellata f'Q1 2016 għal EUR 904/tunnellata fil-PI. Wara l-bidu tal-investigazzjoni anti-dumping dwar l-istess prodott mill-Eġittu, bejn Mejju 2019 u Novembru 2019, il-prezz tal-unità kompla jonqos, għal medja ta' EUR 884/tunnellata.

(29) Sal-2018, l-importazzjonijiet mill-Eġittu kienu qed iwaqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'16 % skont l-ilment.

(30) Barra minn hekk, il-Kummissjoni vvalutat jekk id-dannu mġarrab kienx diffiċli li jissewwa. Meta wieħed iqis li xi utenti tal-GFR jużaw proċessi twal biex jiċċertifikaw il-fornituri tagħhom, ladarba jaqilbu għal fornitur Ċiniż jew Eġizzjan, huwa improbabbli li dawn jaqilbu lura għal produttur tal-Unjoni f'terminu qasir jew medju. Din it-theddida ta' telf permanenti tas-sehem mis-suq jew ta' tnaqqis mid-dħul tikkostitwixxi dannu li huwa diffiċli li jiġi rimedjat.

(31) Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-evidenza disponibbli turi li l-industrija tal-Unjoni qed issofri dannu li huwa diffiċli li jissewwa u li ċ-ċirkostanzi huma kritiċi.

2.4. *Preklużjoni ta' rikorrenza tad-dannu*

(32) Fl-aħħar nett, minħabba l-kunsiderazzjonijiet stipulati fit-taqsima 2.3 hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li kien meħtieġ li tħejji għall-impożizzjoni retroattiva potenzjali tal-miżuri billi timponi reġistrazzjoni, sabiex tipprekludi r-rikorrenza ta' dannu bħal dan. Tabilħaqq, il-kundizzjonijiet tas-suq ta' wara l-PI pjuttost jikkonfermaw li s-sitwazzjoni tal-industrija domestika diġà kienet qed tiddeterjora minħabba ż-żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet sussidjati bi prezzijiet baxxi.

2.5. *Konklużjoni*

(33) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni sabet li ma hemm l-ebda evidenza konklużiva li turi li r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' żvelar minn qabel mhijiex mistħoqqa f'dan il-każ.

(34) Għalhekk f'konformità mal-Artikolu 24(5a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni se tirreġistra l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' żvelar minn qabel.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/724 tal-24 ta' April 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċertu prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 107, 25.4.2017, p. 4).

3. **Responsabbiltà futura għall-importazzjonijiet irreġistrati**

(35) Skont l-Artikolu 24(5a) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat iridu jkunu soġġetti għar-reġistrazzjoni matul il-perjodu ta' żvelar minn qabel skont l-Artikolu 29a tar-Regolament bażiku.

(36) Kull responsabbiltà għall-ġejjieni tiġi mis-sejbiet definittivi ta' din l-investigazzjoni antisussidji. F'dan l-istadju tal-investigazzjoni għadu mhuwiex possibbli li jiġi stmat l-ammont ta' sussidjar fl-Eġittu. L-ilment ma jipprevedix stima eżatta tal-ammont ta' sussidju, li normalment ikollu jintuża bħala l-bażi biex jiġu stabbiliti d-dazji kumpensatorji. L-ilment jinkludi biss stima tal-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu ta' 22 % għall-2018.

(37) F'konformità mar-raba' paragrafu tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, dan l-ammont stmat ta' responsabbiltà jkun rilevanti biss f'każ li dazju bbażat fuq l-ammont ta' sussidji kumpensatorji jkun ogħla u l-Kummissjoni tikkonkludi b'mod ċar li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li timponi dan id-dazju ogħla.

4. **L-Ipproċessar ta'** ***Data*** **Personali**

(38) Kull *data* personali miġbura fil-kuntest ta' din ir-reġistrazzjoni se tiġi ttrattata skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati, skont l-Artikolu 24(5a) tar-Regolament (UE) 2016/1037, biex jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ħjut imqattgħin tal-fibra tal-ħġieġ, b'tul ta' mhux aktar minn 50 mm; faxex tal-fibri tal-ħġieġ, għajr faxex tal-fibri tal-ħġieġ li huma mxappin u miksijin u għandhom telf mat-tqabbid ta' iktar minn 3 % (kif stipulat mill-Istandard tal-ISO 1887); u twapet magħmulin minn filamenti tal-fibri tal-ħġieġ għajr twapet tal-ħġieġ f'forma ta' fibri li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7019 11 00, ex 7019 12 00, 7019 31 00 (kodiċijiet TARIC 7019 12 00 22, 7019 12 00 25, 7019 12 00 26 u 7019 12 00 39) u li joriġinaw mill-Eġittu.

2. Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi tliet ġimgħat wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Frar 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([5]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).